MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAT-18 TA' FRAR, 2014

NUMRU. 626/2010

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**MAURO JOSEPH SAMMUT**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mauro Joseph Sammut**, detentur tal-karta ta` l-identita` numru **146890(M)** bin Mario u Maria Anna nee' Grima mwieled Pieta' fid-19/03/1990 u residenti 'Ta Karabusu', Flt 3, Triq il-Karrijiet, Rabat, gie akkuzat talli :

Fis-07/02/2010 ghall-habta ta' 20:45hrs, gewwa Telghet tas-Saqqajja, Rabat, soqt Vettura bin-numru DAU 213:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-

regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura bin-numru DBN 995 u nvolontarjament ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ramona Sammut Dinu, skond ma ccertifika Dr. Christian Zammit MD (3241) mill-MDH, kif ukoll involontarjament ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Sammut skond ma ccertifika Dr. Christian Zammit MD (3241) mill-MDH u aktar talli involontarjament ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Costantin Laurentus Dinu skond ma ccertifika Dr. Malcolm Caruana MD (2864) mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tat-2 ta` Awwissu 2010 li jinsab *a folio* 82 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tat-28 ta` Jannar 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar is-7 ta` Frar 2010 ghal habta ta` 20.45hrs gewwa Telghet is-Saqqajja, Rabat sehhet kollizjoni li fiha kienu involuti tlett vetturi. Il-vettura DAU 213 kienet misjuqa mill-imputat fid-direzzjoni l-isfel lejn H'Attard. Fl-istess direzzjoni, u quddiemu, kienet niezla l-vettura GAM 154 misjuqa minn John Formosa. U t-tielet vettura DBN 995, li kienet misjuqa minn Lawrence Sammut, kienet qed tinstaq fid-direzzjoni opposta

direzzjoni lejn ir-Rabat. Jidher li l-art kienet imxarrba minnhaba xita li kienet nizlet xi ftit qabel. F'dan l-incident saret hsara estensiva fil-vetturi DAU 213 u DBN 995 (li in effetti gew klassifikati bhala *total loss*), hsara estensiva fil-vettura GAM 154, u gew sofferti feriti hfief mill-passiggier Ramona Sammut Dinu, u feriti gravi mill-passiggier l-iehor Costantin Laurentus Dinu, u mis-sewwieq Lawrence Sammut li lkoll kienu fil-vettura DBN 995. L-imputat sofra griehi wkoll. Skond il-prosekuzzjoni dan l-incident kien rizultat ta` sewqan kontra r-regolamenti minn naha ta` l-imputat, meta huwa dahal fil-karreggjata opposta u, *inter alia*, habat *head on* mal-vettura li kienet tiela lejn ir-Rabat. Minn naha tieghu, l-imputat jattribwixxi dan l-incident ghall-fatt li l-art kienet tizloq u dan kien il-fattur uniku li kkaguna dan l-incident.

**Ikkunsidrat**;

Illi qabel xejn din il-Qorti ghandha tosserva li, kemm il-prosekuzzjoni fit-tahrika originali taghha kif ukoll l-Avukat Generali fir-*rinvio a giudizio* tieghu, ma inkludewx l-akkuza ta` hsara involontarja fuq il-vetturi rispettivi li sofrew il-hsarat minhabba, skond il-prosekuzzjoni, is-sewqan ta` l-imputat. Dan ifisser li din il-Qorti hi marbuta mal-imputazzjonijiet originali u partikolarment ma dawk indikati fir-*rinvio a giudizio*, u moqrija lill-imputat fl-udjenza tat-28.01.2013, u cioe` :

Art 225, 226 (1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta – offiza involontarja fuq il-persuna li tattira piena ta` prigunerija ta` mhux aktar minn sena jew multa mhux izjed minn €4658.75.

Art 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta – ir-reat ta` sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż jattira l-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn €232.94 jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ ta` l-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn

tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.

***DWAR IL-FERITI***

Mic-certifikati medici esebiti in atti u depozizzjonijiet ohra tat-tobba – ara *folios* minn 3 sa 5, 14 sa 18, 28 sa 29, 38, 103 sa 107, u 125 sa 126 – jirrizulta sodisfacentement illi kawza ta` dan l-incident, Ramona Sammut Dinu sofriet griehi ta` natura hafifa filwaqt li Lawrence Sammut u Costantin Laurentus Dinu sofrew griehi ta` natura gravi fit-termini ta` l-Artikolu 226(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

***DWAR ID-DINAMIKA TA` L-INCIDENT***

F'dan l-aspett tista tghid illi l-Qorti ghandha quddiema zewg verzjonijiet. Bhala kumment generali, hija l-fehema ta` din il-Qorti li, l-verzjonijiet moghtija huma generalment relazzjoni tal-fatti, milquta minn perspettiva soggettiva tal-fatt assorbit mix-xhud f'dak il-hin fil-mument krucjali. Il-Qorti trid izzomm din ir-realta quddiem ghajnejha. In oltre, l-Qorti, fl-apprezzament tal-provi, trid tuza l-buon sens.

Fil-vettura DBN 995 kien hemm Lawrence Sammut qed isuq, martu Ramona Sammut Dinu fis-*seat* tal-passiggier u Constantin Laurentus Dinu (hu Ramona) bhala passiggier fis-*seat* ta` warajha. *A Folio* 40 ta` l-atti RAMONA SAMMUT DINU tghid "***We were coming from Zebbug at the roundabout to go up the hill to Rabat. When we went out of the roundabout we saw a red car overtaking and it was coming on us ……. because he came on our side*** "; u tkompli *a folio* 41 "***And you said that he was overtaking another car? Yes I remember very well because I saw him***". *A folio* 31 COSTANTIN LAURENTUS DINU jghid "***… after the roundabout I saw only to lights in front of our car and I closed my eyes and nothing else…***". LAWRENCE SAMMUT, is-sewwieq, jghid *a folio* 45 "***AHNA KONNA GEJJIN MINN NAHA TA` HAZ ZEBBUG SEJRIN LEJN IR-RABAT U FTIT WARA LI DORT IR-ROUNDABOUT QABEL DIK IL-FABBRIKA LI KIEN HEMM KIENU NIEZLIN SERBUT KAROZZI BIL-MOD U F'DAQQA WAHDA NARA***

***<u>KAROZZA TOHROG MINN WARA OHRA U TIBQA DIEHLA FIJA, MA NAFX KIENET SPLIT OF A SECOND. HASSEJT DAQQA KBIRA …… IL-KAROZZA NAF LI GHOLIET…..</u>***”.

JOHN FORMOSA, s-sewwieq tal-vettura GAM 154, liema vettura kienet niezla n-nizla lejn H’Attard u misjuqa quddiem il-vettura misjuqa mill-imputat, jghid *a folio* 97 “***<u>Jiena kont niezel, hassejt daqqa wara …… imbaghad ipponta jaqlani li kien niezel, li taghni d-daqqa wara u wehel ma iehor, kien tiela iehor.</u>***”. PHILIP SCIBERRAS, li kien passiggier ma John Formosa, jghid *a folio* 100 “***<u>Xejn, smajt karozza nizla hekk u laqtet lilna u boom smajt karozza ohra ….. Il-karozza li tatkom id-daqqa, taghtilkom fuq wara? Fuq wara mal-genb hekk …. Mal-genb tad-driver..</u>***”.

L-imputat MAURO JOSEPH SAMMUT ghandu l-verzjoni tieghu u din tohrog kemm minn dak rapportat minn PS 214 fir-rapport tieghu *a folio* 90 *et seq*, kif ukoll u principalment mid-depozizzjoni tieghu *a folio* 137 *et seq*. Jistqarr bil-gurament li hu kien qed isuq il-vettura DAU 213 u peress li t-triq kienet imxarrba, kien qed isuq bil-mod aktar mis-soltu. Hin minnhom seta jinnota li l-vettura ta` quddiemu GAM 154 (li kien il-boghod) bdiet tnaqqas mill-velocita` u dan seta jinnutah mill-*brake lights*. Hu ghalhekk beda jnaqqas il-velocita` wkoll; pero`, meta ghafas il-*brake*, il-vettura tieghu DAU 213 skidjat u tilef il-kontroll. Habat gol-vettura ta` quddiemu, man-naha ta` barra fuq il-kantuniera, u bid-daqqa spicca fuq il-karreggjata tal-lemin u konsegwentement sehhet il-kollizjoni *head on* mal-vettura DBN 995. Il-vettura DAU 213 giet bla kontroll, ma setghax jikkontrollha minhabba li skidjat. Ikkalkola li kien ghaddej bejn 30 u 35 bhala *speed*. Il-vettura DAU 213 kienet f’kundizzjoni tajba u l-imputat deherlu li kellhu distanza tajba minn ta` quddiemu, aktar u aktar minhabba li kienet ix-xita. Din hi principalment il-verzjoni ta` l-imputat.

Hawnhekk trid issir parentesi zghira dwar il-kwistjoni tax-xita jew jekk l-art kienetx imxarrba meta sehhet il-kollizjoni. Indipendentement mill-fatt li immedjatament wara l-impatt ghamlet ix-xita, <u>gie ppruvat, sal-grad tal-</u>

probabbli (peress illi din hi prova li ried iressaq ‘l quddiem l-imputat) li qabel l-impatt, l-art kienet imxarrba u dana peress illi dakinhar kienet ghamlet ix-xita – vide *folio* 87 depozizzjoni ta’ PS 214 Luke Bonello u pagna 5 ta` dok 13 (rapport ta` PS 214) *a folio* 94 ta` l-atti, kif ukoll id-depozizzjonijiet ta` John Formosa *a folio* 97 u ta` Philip Sciberras *a folio* 101.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset sew u fid-dettal il-provi u r-rizultanzi processwali kollha u dawn, mehuda lkoll flimkien, u bir-rispett lejn l-isforzi ta` l-imputat li jikkostitwixxi l-ahjar difiza ghalieh fic-cirkostanzi, huma tali li ma jhallu ebda dubbju f’mohh din il-Qorti li l-incident mertu ta` din il-kawza kien rizultat ta` sewqan perikoluz minn naha ta` l-imputat. F’kazijiet bhal dawn, fejn il-Qorti tkun normalment rinfaccjata b’verzjonijiet tali li jistghu joholqu xi ftit ta` konfuzjoni dwar liema verzjoni ghandha l-aktar mis-sewwa, ikunu d-dettalji zghar li jizblukkaw is-sitwazzjoni u jaghtu r-risposti u l-istampa tohrog finalment cara b’tali mod li l-Qorti mbaghad tkun f’pozizzjoni b’sahhitha li tiddikjara verzjoni attendibbli aktar minn ohra.

Centrali f’dan il-kuntest huma l-hsarat sofferti mill-vettura GAM 154 – ara *folio* 89 tal-atti, li huwa skizz fejn qed jindika li l-hsara kienet ftit fuq wara, in effetti max-xifer tan-naha tal-lemin, u l-genb tal-lemin kollu sal-bieba ta` quddiem. Dawn il-hsarat jindikaw li l-vettura misjuqa mill-imputat DAU 213, f’xi hin, giet ghad-dritt paralleli mal-vettura GAM 154. Il-verzjoni ta` l-imputat, meta jghid li hu habat fuq wara tal-vettura GAM 154 u mbaghad dar ghall-karreggjata l-ohra ma hijiex sostenibbli mill-hsarat li garrbet il-vettura GAM 154. Din il-Qorti hija aktar konvinta mill-verzjoni moghtija mix-xhieda li l-kliem minnhom uzat aktar jindika sitwazzjoni fejn l-imputat ghamel *overtaking* perikoluz, meta beda l-*overtaking* ha l-genb fuq wara tal-vettura GAM 154, gie ghad-dritta paralleli maghha u f’dan il-mument ma kellux fejn imur ghax sab il-vettura DBN 995 ma wiccu u sehhet il-kollizjoni *head on*. Lanqas ma hu konvincenti l-imputat fil-verzjoni tieghu bil-gurament; meta wiehed jaqraha sew, u jqis il-kliem uzat li jindika attenzjoni

u galbu liema bhalu fis-sewqan ta` l-imputat, jasal biex jibda jiddubita jekk l-imputat hux qed jitkellem dwar l-istess incident. Li kieku wiehed kellu jiehu l-kliem uzat mill-imputat fid-depozizzjoni tieghu bhala veritier, kieku certament li dan l-incident qatt ma sehh. Ir-referenza kontinwa mill-imputat ghal-fatt li l-art kienet imxarrba u t-telf tal-kontroll tal-vettura tieghu minhabba tali zlieq mhu xejn hlief tentattiv bla sahha biex jeghleb il-verzjoni l-ohra u cioe` li hu in effetti ried jaghmel u beda l-*overtaking*, liema manuvra gietu hazin u hazin hafna. Sewqan b'xi 30 jew 35 fis-siegha (in pessima ipotezi, 35 mil fis-siegha jittraducu ruhhom f-56.327 kilometri fis-siegha), bil-galbu u bl-attenzjoni li allegatament kellu l-imputat, u minkejja art imxarrba, ma jgibx id-dizastru li gabet din il-kollizjoni mertu ta` din il-kawza. Wisq anqas tista tikkoncepixxi din il-Qorti konsegwenzi tant serji u estensivi li kieku l-ispeed kien ta` bejn it-30 jew il-35 kilometru fis-siegha.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, is-sewqan ta` l-imputat fil-lejl in kwistjoni gabu passabbli ghar-reati addebitati lilu fir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta` piena din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghall-fatt li dan l-incident seta kellu konsegwenzi hafna aktar gravi jekk mhux addirittura konsegwenzi fatali. Irrizulta hawnhekk li tnejn minn nies sofrew feriti gravi u l-imputat innifsu intilef minn sensieh. Irrizultaw hsarat estensivi f'vettura wahda, filwaqt li zewg vetturi ohra kienu dikjarati *total loss*. Ix-xhud Philip Sciberras, *a folio* 101 jghid testwalment "**Inzilt nigri u xejn imkexkex, bil-bard fuqi** ….". Ix-xhud Lawrence Sammut, *a folio* 45 jghid testwalment, " … **bid-daqqa jigifieri, il-karozza naf li gholiet** …". Il-Qorti tqis is-sewqan tal-imputat fil-lejl in kwistjoni bhala wiehed perikoluz hafna u kien dan is-sewqan li kkaguna l-feriti gravi fuq terzi. Qed tqis l-eta` tieghu meta sehh l-incident, li ma kienx ghadu ghalaq l-ghoxrin sena; u li kien gab il-licenzja tas-sewqan ftit xhur biss qabel l-incident. Skond il-prosekuzzjoni, l-imputat jew ghadu student universitarju jew ghadu kif spicca l-kors li kien qed jaghmel. Dawn, fost

konsiderazzjonijiet ohra, din il-Qorti qed tqishom fil-kalibrazzjoni tal-piena. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha mehuda flimkien din il-Qorti hi tal-fehema li ghalkemm l-incident kien wiehed gravi, ma jimmeritax l-applikazzjoni tal-piena karcerarja, izda jimmerita l-impozizzjoni ta` piena pekunjarja adegwata, u l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan, u dana sabiex l-imputat jifhem u japprezza l-portata ta` l-incident li sehh responsabbilta` tieghu.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 30, 31, 225, 226(1)(a)(b)(c), u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib u tiddikjara lil Mauro Joseph Sammut hati ta` l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena tal-multa fis-somma ta` tlett elef Euro (€3000) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` disa (9) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------